MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Talba Numru. 115/2015

**Network Publications Limited (C21054)**

**Vs**

**David Farmer**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta’ tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€843.75c), ammont li jikkonsisti in kwantu ghal hames mija u disghin Ewro (€590) fi prezz ta’ uzu ta’ Gazebo waqt il-BOV Boat Show u in kwantu ghal mitejn u tlieta u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€253.75) f’sehem mill-prezz ta’ *ferry services* illi l-intimat gabar f’isem ir-rikorrenti izda naqas milli jghaddi l-istess lir-rikorrenti. Dan kif jirrizulta mill-fatturi numri 30016737 u 30017073 datati t-12 u t-30 ta’ Settembru, 2013 rispettivament, kopji ta’ liema qed jigu annessi u mmarkati bhala ‘Dok A’ u ‘Dok B’.

Illi ghalkemm l-intimat gie nterpellat b'ittra gudizzjarja ai termini tal-Artikoli 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, (kopja annessa bhala dok 'C'), liema ittra kienet notifikata lilu nhar id-19 t'April, 2014, huwa baqa' inadempjenti u l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex,

1. Jiddeciedi u jiddikjara lill-intimat bhala debitur tar-rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€843.75), jew somma verjuri li tista tigi deciza;

2. Jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont imsemmi ta' tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€843.75) jew somma verjuri.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji nkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluz fir-rigward tal-ittra ufficjali surreferita, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv bl-ghola rati ai termini tal-Kap 13, Ligijiet ta' Malta.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 t' April, 2015 mill-Avukata Dr Sonia Vancell u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€843.75c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------